SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Lulju 2008 *

Fil-Kawża C-426/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Białymstoku (il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tat-27 ta' Ġunju 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Settembru 2007, fil-proċeduri

Dariusz Krawczyński

vs

Dyrektor Izby Celnej w Białymstoku,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, A. Tizzano, M. Ilešič (Relatur), E. Levits u J.-J. Kasel, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal D. Krawczyński, minn W. Kłoskowski, radca prawny,

— għad-Dyrektor Izby Celnej w Białymstoku, minn W. Dziemiach, radca prawny,

— għall-Gvern Pollakk, minn M. Dowgielewicz, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn D. Triantafyllou u K. Herrmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa waħda, tal-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-Liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991 (ĠU L 376, p. 1, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), u, min-naħa l-oħra, tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn D. Krawczyński u d-Dyrektor Izby Celnej w Białymstoku (Direttur tal-Kamra Doganali ta' Białystok) dwar id-dazji tas-sisa imposti fuqu għall-bejgħ ta' vetturi bil-mutur użati qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fil-Polonja.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva kien jistipula li:

"Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn tal-Komunità, b'mod partikolari dawk stabbiliti fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ li għandhom x'jaqsmu ma' l-arranġementi ġenerali għaż-żamma, ċaqliq u ssorveljar ta' prodotti suġġetti għal dazju, din id-Direttiva ma żżommx Stat Membru milli jħalli jew idaħħal taxxi fuq kuntratti ta' assigurazzjoni, taxxi fuq imħatri u logħob, dazji ta' sisa, bolol u iktar ġenerali, kull taxxa, dazju jew spejjeż [dritt] li ma jistgħux ikunu kkaratterizzati bħala taxxi fuq turnover [taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ] sakemm dawk it-taxxi, dazji jew spejjeż [drittijiet], f'negozju bejn Stati Membri ma jdaħħlux formalitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-qsim ta' fruntieri."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

4 L-Artikolu 2 tal-Liġi dwar id-dazji tas-sisa (ustawa o podatku akcyzowym), tat-23 ta' Jannar 2004 (Dz. U Nru 29, intestatura 257), fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-2004"), jiddisponi li:

"Għall-finijiet ta' din il-Liġi,

[…]

11) ‘akkwist intra-Komunitarju’ għandha tfisser it-trasferiment ta’ prodotti suġġetti għas-sisa mit-territorju ta’ Stat Membru lejn it-territorju nazzjonali;

[…]”

5 L-Artikolu 10(1) tal-imsemmija Liġi jaqra kif ġej:

“Il-bażi taxxabbli, f’każ li r-rata tiġi espressa bħala perċentwali tal-bażi ta’ stima, hija:

1) l-ammont dovut għall-bejgħ, fit-territorju nazzjonali, tal-prodotti suġġetti għas-sisa, imnaqqas bl-ammont tat-taxxa fuq l-oġġetti u s-servizzi jew bl-ammont ta’ sisa dovut għal dawn il-merkanziji;

2) l-ammont li x-xerrej huwa obbligat iħallas għall-merkanziji suġġetti għas-sisa, fil-każ ta’ akkwist intra-Komunitarju;

3) l-ammont dovut għall-kunsinna tal-prodotti suġġetti għas-sisa fit-territorju ta’ Stat Membru, fil-każ ta’ kunsinna fil-Komunità;

4) il-valur doganali tal-prodotti suġġetti għas-sisa flimkien mad-dazji doganali dovuti, fil-każ ta’ importazzjoni, fid-dawl tal-paragrafi 6 sa 9.”

6 L-Artikolu 75 tal-Liġi tal-2004 jipprovdi li:

"1. Ir-rata ta' taxxa fuq il-prodotti suġġetti għas-sisa mhux armonizzati hija ta' 65% tal-bażi stabbilita fl-Artikolu 10, ħlief għar-rata applikabbli għall-enerġija elettrika.

[…]

3. Il-Ministru kompetenti fil-qasam tal-finanzi pubbliċi jista', b'digriet, inaqqas ir-rati tas-sisa stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, u jiddistingwihom skont it-tip ta' prodott u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom."

7 L-Artikolu 79 tal-istess Liġi jiddisponi li:

"Il-persuna taxxabbli għandha d-dritt tnaqqas mill-ammont tad-dazju tas-sisa d-dazju tas-sisa li tkun diġà ħallset, fuq bejgħ jew importazzjoni taxxabbli, meta takkwista prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa mhux armonizzati."

8 Skont l-Artikolu 80(1) sa (4) tal-Liġi tal-2004:

"1. Huma suġġetti għas-sisa l-karozzi privati mhux irreġistrati fit-territorju nazzjonali skont il-kodiċi tat-triq.

2. Dawn li ġejjin għandhom iħallsu dazju tas-sisa:

1) il-persuni li jwettqu kull bejgħ ta' karozzi privati qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali;

2) l-importaturi u l-persuni li jwettqu akkwisti fil-Komunità.

3. Dazju tas-sisa fuq il-karozzi jiġi impost:

1) fil-każ ta' bejgħ, mill-kunsinna tal-fattura u, l-iktar tard, fi żmien sebat ijiem mill-ġurnata tal-kunsinna tal-merkanzija;

2) fil-każ ta' importazzjoni, mill-ġurnata meta jingħata lok għad-dejn doganali fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-liġi doganali;

3) fil-każ ta' akkwist fil-Komunità, mill-akkwiżizzjoni tad-dritt li l-persuna tuża l-karozza privata bħala proprjetarja u, l-iktar tard, mir-reġistrazzjoni tagħha fit-territorju nazzjonali skont il-kodiċi tat-triq.

4. Il-Ministru kompetenti fil-qasam tal-finanzi pubbliċi jista', b'digriet, jistabbilixxi l-informazzjoni li tikkonċerna l-karozzi privati, inkluża l-kapaċità ta' ġarr ammissibbli tagħhom, għall-finijiet ta' ġbir tad-dazju tas-sisa, fid-dawl tas-soluzzjonijiet applikati mid-dispożizzjonijiet fiskali speċifiċi u l-bżonn li jiġi assigurat il-ġbir regolari tad-dazji tas-sisa."

9 L-Artikolu 81(1) tal-Liġi tal-2004 jaqra kif ġej:

"Il-persuni li jwettqu, fil-Komunità, akkwisti intra-Komunitarji ta' karozzi privati mhux irreġistrati fit-territorju nazzjonali skont il-kodiċi tat-triq, għandhom :

1) jippreżentaw, meta ssir l-importazzjoni fit-territorju nazzjonali, dikjarazzjoni semplifikata fl-uffiċċju doganali kompetenti fi żmien ħamest ijiem mill-ġurnata tal-akkwist fil-Komunità;

2) iħallsu d-dazju tas-sisa l-iktar tard fid-data tar-reġistrazzjoni tal-vettura fil-pajjiż."

10 Skont l-Artikolu 82(3) tal-Liġi tal-2004, fil-każ ta' akkwist intra-Komunitarju ta' karozza privata, il-bażi taxxabbli hija l-ammont li x-xerrej għandu jħallas lill-bejjiegħ.

11 L-Artikolu 7 tad-Digriet tal-Ministru tal-Finanzi dwar it-tnaqqis tar-rata tad-dazju tas-sisa (rozporządzenie Ministra Finansów w sprawie obniżenia stawek podatku akcyzowego), tat-22 ta' April 2004 (Dz. U Nru 87, intestatura 825), fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet tal-2004"), kif ukoll l-annessi 1 u 2 tiegħu jindikaw li, għall-karozzi l-ġodda jew li għandhom inqas minn sentejn, ir-rata tad-dazju tas-sisa hija ta' 3.1 % jew ta' 13.6 % skont iċ-ċilindrata ta' dawn tal-aħħar u li, min-naħa l-oħra, għall-vetturi ta' iktar minn sentejn, din ir-rata, li hija ffissata skont il-formula ta' kalkolu stabbilita fl-Artikolu 7(2) tad-Digriet tal-2004, tvarja skont kemm ikollha żmien il-vettura u tista' tammonta sa 65 % tal-bażi taxxabbli.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2005, in-Naczelnik Urzędu Celnego w Białymstoku (kap tal-uffiċċju doganali ta' Białystok) stabbilixxa għal PLN 11 066 l-ammont dovut minn D. Krawczyński għall-bejgħ fil-Polonja ta' ħames vetturi bil-mutur, qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju Pollakk, bħala d-dazji tas-sisa li din il-persuna taxxabbli kienet obbligata tiddikjara u tħallas, ħaġa li D. Krawczyński m'għamilx.

13 D. Krawczyński kkontesta din id-deċiżjoni u talab li d-dazji tas-sisa dovuti jiġu stabbiliti fl-ammont totali ta' PLN 4 599, peress li kkunsidra, essenzjalment, li kellu d-dritt, skont l-Artikolu 79 tal-Liġi tal-2004, inaqqas mill-ammont dovut id-dazju tas-sisa mħallas minnu, fuq bejgħ jew imporazzjoni taxxabbli, meta akkwista prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa mhux armonizzati, minkejja li ma kienx ippreżenta d-dikjarazzjoni prevista f'dan ir-rigward.

14 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Jannar 2006, id-Dyrektor Izby Celnej w Białymstoku ċaħad din it-talba. F'din id-deċiżjoni huwa enfasizza essenzjalment, minn naħa, li l-persuni li jwettqu kwalunkwe bejgħ ta' vetturi bil-mutur fil-Polonja qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju Pollakk għandhom iħallsu dazju tas-sisa u, min-naħa l-oħra, li sabiex il-persuna taxxabbli tibbenefika mill-imsemmi dritt għal tnaqqis, huwa meħtieġ li hija tippreżenta lill-uffiċċju doganali kompetenti dikjarazzjoni relativa għal dawn id-dazji tas-sisa, tikkalkula d-dazju dovut u tħallsu fit-terminu stabbilit mil-leġiżlazzjoni.

15 D. Krawczyński ppreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Białymstoku (qorti amministrativa tal-provinċja ta' Białystok). Huwa jsostni b'mod partikolari li l-bejgħ ta' vetturi bil-mutur użati li diġà jkunu rreġistrati fil-Polonja huwa eżentat mid-dazju tas-sisa indipendentement minn kemm għandhom żmien, filwaqt li l-istess eżenzjoni m'hijiex applikabbli għall-bejgħ ta' vetturi bil-mutur użati importati minn Stati Membri oħra. Il-bejgħ tal-vetturi msemmija l-aħħar qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-Polonja huwa suġġett għal dazju tas-sisa li l-ammont tiegħu jiddependi minn kemm ikollha żmien il-vettura. D. Krawczyński jiddeduċi minn dan li r-Repubblika tal-Polonja tissuġġetta l-vetturi

bil-mutur użati importati minn Stati Membri oħra għal dazju tas-sisa ogħla minn dak applikabbli għall-prodotti nazzjonali simili.

16 Min-naħa l-oħra, id-Dyrektor Izby Celnej w Białymstoku jikkunsidra li r-Repubblika tal-Polonja ma tagħmel ebda distinzjoni diskriminatorja bejn il-vetturi bil-mutur skont l-oriġini tagħhom, peress li l-kriterju deċiżiv sabiex dawn jiġu suġġettati għad-dazju tas-sisa huwa n-nuqqas ta' reġistrazzjoni fit-territoju Pollakk u mhux il-fatt li dawn il-vetturi joriġinaw minn Stat Membru differenti mir-Repubblika tal-Polonja.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Białymstoku ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Dazju tas-sisa stabbilit minn Stat Membru, bħad-dazju tas-sisa previst mil-Liġi [tal-2004], impost fuq kwalunkwe bejgħ ta' karozzi privati qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali, jista' jiġi kklassifikat bħala taxxa illegali li għandha n-natura ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fis-sens tal-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva [...]?

F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

2) Dazju tas-sisa, bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża pendenti quddiem il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Białymstoku, impost fuq kwalunkwe bejgħ ta' karozzi privati qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali, imur kontra l-Artikolu 90 KE, li jipprojbixxi espliċitament kull diskriminazzjoni jew kull applikazzjoni protezzjonista tas-sistema fiskali nazzjonali favur prodotti nazzjonali simili, meta l-akkwist ta' vetturi użati diġà rreġistrati fit-territorju Pollakk huwa eżenti mill-imsemmi dazju?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

18 Għandu jiġi mfakkar qabel kollox li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi evalwat jekk taxxa, dazju jew dritt għandux il-karatteristiċi ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ skont l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva, għandu jiġi mistħarreġ, b'mod partikolari, jekk l-effett tiegħu huwiex tali li jikkomprommetti l-funzjonament tas-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") billi jiġi impost fuq il-moviment ta' oġġetti u ta' servizzi, u fuq it-tranżazzjonijiet kummerċjali b'mod paragunabbli għal dak li jikkaratterizza l-VAT (sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, KÖGÁZ *et*, C-283/06 u C-312/06, Ġabra p. I-8463, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, f'kull każ, għandhom jitqiesu bħala li huma imposti fuq il-moviment ta' oġġetti u ta' servizzi b'mod paragunabbli għall-VAT dawk it-taxxi, id-dazji u d-drittijiet li jkollhom il-karatteristiċi essenzjali tal-VAT anki jekk ma jkunux kompletament identiċi għall-VAT (sentenza KÖGÁZ *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 33 tas-Sitt Direttiva ma jipprekludix li tinżamm fis-seħħ jew li tiġi introdotta taxxa li ma jkollhiex waħda mill-karatteristiċi essenzjali tal-VAT (sentenza KÖGÁZ *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-karatteristiċi essenzjali tal-VAT. Mill-ġurisprudenza tagħha jirriżulta li dawn il-karatteristiċi huma erbgħa, jiġifieri l-applikazzjoni ġenerali tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti jew servizzi; id-determinazzjoni tal-ammont tagħha proporzjonalment għall-prezz mitlub mill-persuna taxxabbli bħala ħlas għall-oġġetti jew għas-servizzi pprovduti minnha; l-impożizzjoni ta' din it-taxxa f'kull stadju tal-proċess ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni, inkluż l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, irrispettivament

min-numru ta' tranżazzjonijiet li jkunu seħħew qabel, u t-tnaqqis mill-VAT dovuta minn persuna taxxabbli tal-ammonti mħallsa fl-istadji preċedenti tal-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni b'tali mod li din it-taxxa, fi stadju partikolari, tapplika biss għall-valur miżjud f'dak l-istadju u b'tali mod li l-piż finali ta' din it-taxxa jaqa' finalment fuq il-konsumatur (sentenza KÖGÁZ *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-karatteristiċi, jiġifieri l-applikazzjoni ġenerali tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti jew servizzi, għandu jiġi enfasizzat, kif barra minn hekk jirrilevaw id-Dyrektor Izby Celnej w Białymstoku, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li d-dazju tas-sisa inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa impost, skont l-Artikolu 80(2)(1) tal-Liġi tal-2004, biss fuq tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' vetturi bil-mutur qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju Pollakk.

23 Għalhekk, fid-dawl ta' dan il-fatt, l-imsemmi dazju tas-sisa ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li huwa impost b'mod ġenerali fuq it-tranżazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti jew servizzi.

24 Konsegwentement, peress li d-dazju tas-sisa inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jissodisfax l-ewwel waħda mill-karatteristiċi msemmija fil-punt 21 ta' din is-sentenza, m'hemmx għalfejn jiġi vverifikat jekk dan id-dazju tas-sisa jissodisfax it-tliet karatteristiċi essenzjali l-oħra tal-VAT.

25 Għaldaqstant, jidher li taxxa li jkollha karatteristiċi bħal dawk tad-dazju tas-sisa inkwistjoni fil-kawża prinċipali tant hija differenti mill-VAT li ma tistax tiġi kklassifikata bħala taxxa li għandha n-natura ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fis-sens tal-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva.

26 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dazju tas-sisa, bħal dak previst fil-Polonja mil-Liġi tal-2004, impost fuq kwalunkwe

bejgħ ta' vetturi bil-mutur qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali.

Fuq it-tieni domanda

27 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk dazju tas-sisa impost fuq kwalunkwe bejgħ ta' vetturi bil-mutur qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali jmurx kontra l-Artikolu 90 KE, meta l-bejgħ ta' karozzi użati diġà rreġistrati fit-territorju Pollakk huwa eżentat minn dan id-dazju.

28 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk din is-sistema twassalx għal tassazzjoni iktar oneruża fir-rigward tal-vetturi użati importati minn Stat Membru differenti mir-Repubblika tal-Polonja, u konsegwentement, mhux irreġistrati fit-territorju Pollakk, minn dik imposta fuq il-vetturi bil-mutur użati li diġà jinsabu fis-suq nazzjonali u li huma rreġistrati fil-Polonja.

29 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li dazju tas-sisa bħal dak stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqa' taħt is-sistema ġenerali ta' taxxi interni fuq il-merkanzija u għandu għaldaqstant jiġi eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 90 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, Brzeziński, C-313/05, Ġabra p. I-513, punt 24).

30 Għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 90 KE jikkompleta, fis-sistema tat-Trattat KE, id-dispożizzjonijiet dwar it-tneħħija tad-dazji doganali u tat-taxxi b'effett ekwivalenti. Din id-dispożizzjoni għandha bħala għan li tassigura l-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni permezz tat-tneħħija ta' kull forma ta' protezzjoni li tista' tirriżulta mill-applikazzjoni ta' taxxi interni diskriminatorji fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra (sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Fir-rigward tat-tassazzjoni tal-vetturi bil-mutur użati importati, l-Artikolu 90 KE huwa intiż sabiex jiggarantixxi n-newtralità perfetta tat-taxxi interni fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn prodotti li jinsabu diġà fis-suq nazzjonali u prodotti importati (sentenza tal-20 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-74/06, Ġabra p. I-7585, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Barra minn hekk, sistema ta' tassazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mal-Artikolu 90 KE biss jekk jiġi stabbilit li topera b'mod li teskludi, f'kull każ, li l-prodotti importati jkunu ntaxxati b'mod iżjed oneruż mill-prodotti nazzjonali u, għalhekk, li f'ebda każ, m'għandha effetti diskriminatorji (sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-kuntest, għandu jiġi vverifikat jekk id-dazju tas-sisa inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwiex impost bl-istess mod kemm fuq il-bejgħ ta' vettura bil-mutur użata importata kif ukoll fuq il-bejgħ ta' vettura bil-mutur użata diġà rreġistrata fil-Polonja, billi dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti jikkostitwixxu prodotti simili fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE.

34 Fil-kuntest ta' dan il-paragun, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' vetturi, jiġifieri, minn naħa, dawk li jinbigħu użati matul is-sentejn kalendarji wara d-data tal-fabrikazzjoni tagħhom, fejn is-sena ta' fabrikazzjoni tkun ikkunsidrata bħala l-ewwel sena kalendarja, u, min-naħa l-oħra, dawk li jinbigħu użati wara dan il-perijodu ta' sentejn (sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

35 Fir-rigward tal-vetturi privati, mibjugħa ġodda jew użati matul dan il-perijodu ta' sentejn, jirriżulta mid-Digriet tal-2004 li huma ssuġġettati għal dazju tas-sisa kkalkulat skont l-istess rata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35).

36 Fir-rigward tal-vetturi użati ta' inqas minn sentejn, hija, aktar speċifikament, il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, fid-dawl, b'mod partikolari, tad-Digriet tal-2004,

jekk effettivament humiex suġġetti, bħala dazju tas-sisa, għal piż identiku minħabba l-fatt li l-ammont residwu ta' dan id-dazju inkluż fil-valur tas-suq tal-vetturi użati rreġistrati fil-Polonja huwa l-istess bħall-ammont tal-istess dazju impost fuq il-vetturi użati simili li ġejjin minn Stat Membru ieħor li mhuwiex ir-Repubblika tal-Polonja (sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

37 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dazju tas-sisa impost fuq il-vetturi użati mibjugħa iktar minn sentejn wara d-data tal-fabrikazzjoni tagħhom, ir-rata ta' sisa hija kkalkulata skont il-formula prevista fl-Artikolu 7 tad-Digriet tal-2004. L-applikazzjoni ta' din il-formula twassal sabiex din ir-rata togħla skont kemm ikollha żmien il-vettura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

38 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk żieda bħal din fir-rata taffettwax biss lill-vetturi użati li ġejjin minn Stat Membru ieħor li mhuwiex ir-Repubblika tal-Polonja u jekk, min-naħa l-oħra, għall-vetturi użati, irreġistrati bħala ġodda fil-Polonja, ir-rata ta' dazju tas-sisa residwu inkluż fil-valur ta' vettura bħal din jibqax kostanti (sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

39 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dazju tas-sisa, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn l-ammont tad-dazju impost fuq il-bejgħ qabel l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi użati importati minn Stat Membru ieħor jaqbeż l-ammont residwu tal-istess dazju inkluż fil-valur tas-suq ta' vetturi simili rreġistrati qabel fl-Istat Membru li jkun stabbilixxa dan id-dazju. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Digriet tal-2004, għandhiex tali konsegwenza.

Fuq il-limitazzjoni fiż-żmien tal-effetti ta' din is-sentenza

40 Fin-nota tal-osservazzjonijiet ippreżentata lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Pollakk talab lil din tal-aħħar, f'każ li tikkonstata li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija inkompatibbli mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE, tillimita fiż-żmien l-effetti tas-sentenza li tingħata.

41 In sostenn tat-talba tiegħu, l-imsemmi Gvern jinvoka, minn naħa, il-fatt li, meta ġiet adottata l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa ħa inkunsiderazzjoni s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja minkejja li dawn ma kinux jirrigwardaw sitwazzjonijiet legali u fattwali analogi għal dawk ta' din il-kawża u, min-naħa l-oħra, li, minkejja l-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tad-Digriet tal-2004 mhumiex konformi, skont il-Kumissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja, mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE, peress li jipprovdu għal żieda fir-rata tas-sisa skont kemm ikollha żmien il-vettura, din il-konstatazzjoni m'hijiex applikabbli għal dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-imsemmi Digriet. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet imsemmija l-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tillimita l-effetti fiż-żmien ta' din is-sentenza.

42 Għandu jiġi mfakkar f'dan ir-rigward li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha, b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fis-sistema ġuridika Komunitarja, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija interpretat sabiex tqiegħed fid-dubju relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti *in bona fide* (sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et*, C-292/04, Ġabra p. I-1835, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Limitazzjoni bħal din tista' tkun ammessa, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, biss fis-sentenza stess li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni mitluba (sentenza Meilicke *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fil-fatt, jeħtieġ li neċessarjament ikun hemm mument wieħed meta jiġu ddeterminati l-effetti fiż-żmien tal-interpretazzjoni mitluba li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju. F'dan ir-rigward, il-prinċipju li limitazzjoni

tista' tiġi ammessa biss fis-sentenza stess li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni mitluba, jiggarantixxi t-trattament ugwali tal-Istati Membri u tal-individwi l-oħra fil-konfront ta' dan id-dritt u jissodisfa fl-istess ħin ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali (sentenza Meilicke *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

45 Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda, essenzjalment, il-kwistjoni dwar il-kompatibbiltà mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE ta' dazju tas-sisa impost fuq il-bejgħ ta' vetturi bil-mutur qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali. F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-punt 41 tas-sentenza Brzeziński, iċċitata iktar 'il fuq, li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dazju tas-sisa sa fejn l-ammont tad-dazju impost fuq il-vetturi użati ta' iktar minn sentejn mixtrija fi Stat Membru ieħor li mhuwiex dak li stabbilixxa tali dazju jaqbeż l-ammont residwu tal-istess dazju inkluż fil-valur tas-suq ta' vetturi simili rreġistrati qabel fl-Istat Membru li jkun stabbilixxa dan id-dazju. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Digriet tal-2004, għandhiex tali konsegwenza.

46 Mill-punt 62 tas-sentenza Brzeziński jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja ma llimitatx l-effetti tal-imsemmija sentenza fiż-żmien.

47 Għaldaqstant m'hemmx lok li l-effetti ta' din is-sentenza jiġu limitati fiż-żmien.

Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 33(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dazju tas-sisa, bħal dak previst fil-Polonja mil-Liġi dwar id-dazji tas-sisa (ustawa o podatku akcyzowym), tat-23 ta' Jannar 2004, impost fuq kwalunkwe bejgħ ta' vetturi bil-mutur qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fit-territorju nazzjonali.**

2) **L-Artikolu 90 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dazju tas-sisa, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn l-ammont tad-dazju impost fuq il-bejgħ qabel l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi użati importati minn Stat Membru ieħor jaqbeż l-ammont residwu tal-istess dazju inkluż fil-valur tas-suq ta' vetturi simili rreġistrati qabel fl-Istat Membru li jkun stabbilixxa dan id-dazju. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Digriet tal-Ministru tal-Finanzi dwar it-tnaqqis tar-rata tad-dazju tas-sisa (rozporządzenie Ministra Finansów w sprawie obniżenia stawek podatku akcyzowego), tat-22 ta' April 2004, għandhiex tali konsegwenza.**

Firem